MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 292/2009

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba li permezz tieghu s-socjetà attrici titlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' seba' mija u tlett Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€703.24) rapprezentanti l-import ta' seba' kambjali, annessi ma' l-Avviz tat-Talba bhala Dok. "A", skaduti u mhux imhallsa u mahruga fuq vettura Skoda Felicia bin-Numru tar-Registrazzjoni JAB-535 mibjugha u konsenjata lill-konvenuta mis-socjetà attrici; bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala, kontra l-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet notifikata bl-Avviz tat-Talba u bl-avviz tas-smigh tas-seduta, ma ikkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenuta ma dehritx sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk tali Kapitolu ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra l-atti tal-kawza u s-seba’ kambjali esebiti mis-socjetà attrici bhala Dok. “A” ma’ l-Avviz tat-Talba.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta’ seba’ mija u tlett Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€703.24), bl-imghax legali dekoribbli id-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala sad-data ta’ l-effettiv pagament. L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------